MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1038/1993/1

**Maria Concetta, Maria Stella, Vincenza u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 1995 Maria Concetta, Maria Stella u Maria Carmela ahwa Ascolese intervenew fil-kawza bhala werrieta ta' Vincenza li mietet fil-mori tal-kawza, u Carmela ahwa Ascolese u b'digriet tat-30 ta' April, 2003 stante il-mewt ta' Maria Stella Ascolese l-atti gew trasfuzi f'isem l-atturi l-ohra Maria Concetta u Maria Carmela Ascolese.**

**Vs**

**Maria Elena sive Marlene mart Maurice Micallef, Giovanna sive Vanna armla minn Oswald Arrigo, Lilian armla minn Eric Stellini, Mario u Victor ahwa Pace u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 1995, Karen Mifsud, Claire Gambinu Nigel Pace gew kjamati in kawza flok il-mejjet Victor Pace u dawn bhala eredi tieghu, Victoria mart Richard Tua, Joseph Fenech Adami, Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, l-Onor. Avukat Dottor Edward Fenech Adami, Michael Fenech Adami**

**u Marion Fenech Adami, Aurelia armla minn Lorenzo Pace, Marisa Pace, Mario Pace, Suor Maria tal-Ordni tas-Sorijiet Missjonarji Frangiskani ta’ Maria fis-seklu Maria Pace u b’digriet tat-3 ta’ Settembru, 1998 l-avukat Dr. John Cremona u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-imsemmija Suor Maria Pace li mietet fil-mori tal-kawza,**
**u Maurice Micallef, Richard Tua u Lorenzo Pace ghall-interess li jista’ jkollhom bhala amministraturi tal-beni parafernali tan-nisa taghhom rispettivi fuq imsemmija, u b’digriet tas-7 ta’ Frar 1994 l-avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Josette mart Geoffrey Stephenson u lill-assenti Geoffrey Stephenson ghall-interess li jista’ jkollu bhala amministratur tal-beni parafernali ta’ martu u b’digriet tal-5 ta’ Mejju, 1994 il-kuraturi deputati Avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew sostitwiti bl-avukat Ethelbert Fenech Adami**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ippremettew illi:

Peress li permezz ta’ kuntratt pubblikat fis-6 ta’ Jannar 1882 min-Nutar Gregorio Spiteri kienet saret koncessjoni enfitewtika temporanea ghal disgha u disghin sena mill-1 ta’ Marzu 1882 id-djar bi gnien maghhom siti f’Casal Paola Strada Logga numru 8 illum 45 u 47 Arcade Street Paola) versu c-cens annwu temporanju ta’ 72 skud (ekwivalenti ghal sitt liri Maltin), bhala soggett ghall-piz annwu perpetwu ta’ erba’ tari, dovut lir-Rettur Beneficjat ta’ Sant’ Ubaldesca, minn kull haga ohra liberu u frank,

taht il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt (Dok.''A'');

Peress li l-imsemmija enfitewsi temporanea ghalqet fit-28 ta' Frar 1981 u dakinhar l-utilisti kienu l-atturi fil-waqt li d-direttarji kienu l-konvenuti jew l-aventi kawza taghhom;

Peress li skond l-Artikolu 10B (4) ta' l-Att XXIII tal-1979, l-atturi kellhom id-dritt, fit-terminazzjoni ta' l-istess enfitewsi, li jikkonvertu dik l-enfitewsi temporenea f'wahda perpetwa, u dan peress li f'dak il-mument id-dar kienet okkupata mill-atturi bhala residenza ordinarja taghhom u l-istess atturi huma cittadini ta' Malta;

Peress li l-atturi kienu avzaw lill-konvenuti verbalment li huma jridu jipprevalixxu ruhhom minn dan id-dritt u permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar, 1985, huma ikkonfermaw din ix-xewqa taghhom u talbu lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att notarili relattiv (Dok. ''B'');

Peress li skond l-Artikolu 10B (6) ta' l-imsemmi Att, id-direttarju hu obbligat jilqa' u jaghti effett ghal-talba simili;

Peress illi l-konvenuti ma rrispondew xejn ghat-talba ta' l-atturi;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din li Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma intitolati jipprevalixxu ruhhom mid-dritt sanzjonat fl-Artikolu 10B (4) tal-Att XXIII tal-1979 biex jikkonvertu f'enfitewsi perpetwa l-enfitewsi temporanea li huma kellhom bhala utilisti tal-fondi fuq imsemmija;

2. tikundanna lill-konvenuti jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv li bih l-enfitewsi temporanea tal-fondi 45 u 47 Arcade Street, Paola, bil-gnien anness u bil-pertinenzi taghhom kellha tigi konvertita f'wahda perpetwa, b'effett mill-1 ta' Marzu, 1981 skond it-termini tal-Artikolu 10B (4) fuq indikat u cioe', versu c-cens annwu perpetwu ta' sitta u tletin lira

Maltin (Lm36) ghall-ewwel hmistax -il sena, bl-awmenti stabbiliti fl-istess artikolu u bil-kondizzjonijiet l-ohrajn stipulati fl-atti tas-6 ta' Jannar 1882 pubblikat min-Nutar Gregorio Spiteri,

3. tinnomina Nutar biex jircievi l-imsemmi att;

4. tinnomina kuraturi biex jidhru fuq l-istess att ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ta' l-14 ta' Frar,1985 kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol.3 tal-process:

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ta' l-Avukat Dottor Ethelbert Fenech Adami, bhala kuratur ta' l-assenti Josette mart Geoffrey Stephenson u l-istess Geoffrey Stephenson** a fol. 23 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi l-gudizzju ma jistax ikun integru billi il-konvenut Victor Pace miet fit-12 ta' Lulju 1987.

2. Illi n-notifika fic-citazzjoni hija nulla billi l-konvenuti kollha hlief Maria Elena sive Marlene Micallef ma joqoghdux fil-post indikat fic-citazzjoni u ghandhom interess fil-kawza.

3. Illi l-atturi kienu diga' ipprezentaw citazzjoni ohra, citazzjoni numru 452/85WG fl-ismijiet ''Maria Concetta Ascolese vs Edward Pace et'' bl-istess mertu u ghallhekk qabel xejn ghandhom jissaldaw l-ispejjes involuti.

4. Illi d-domandi ta' l-atturi huma nfondati in kwantu jolqtu l-hanut numru 47, Arcades Street, Paola u sit fabbrikabbli f'kantuniera b'faccata fuq Foss Street u North Street, li attwalment tidhol ghaliha mid-dar numru 45, Arcades Street, Paola.

5. Subordinatament, id-domandi ta' l-atturi kif formulati ghandhom jigu michuda in kwantu l-artikolu 108(4) jolqot

il-propjeta' imsemmija fic-citazzjoni, huwa null u bla effett ghaliex jikser il-provvediment tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut avukat Dottor Raphael Fenech Adami** a fol.113 tal-process fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra taghhom in vista tal-fatt illi huma ghal kollox infondati kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq bazi legali;

2. illi l-azzjoni odjerna hija ntempestiva stante li l-atturi ghadhom ma saldawx id-drittijiet u spejjes legali dovuta minnhom fil-kawza bejn l-istess partijiet. Citazz numru 452/85WG;

3. Illi l-istess talbiet atturi huma legalment insostenibbli in kwantu dawn jolqtu l-fond kummercjali numru 47, Arcades Street, Paola; u sit fabbrikabbli li jinsab f'kantuniera b'faccata fuq Foss Street u North Street, Paola.

4. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghal premess l-artikolu 108(4) tal-Att numru XXIII tas-sena 1979 in kwantu jolqot il-propjeta' de quo ghandu jigi meqjus bhala null u bla effett stante li jmur kontra l-provvedimenti kontenuti fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-atturi li minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Michael Fenech Adami, l-Onorevoli Dottor Edward Fenech Adami, Marion Fenech Adami, Vanna sive Giovanna Arrigo u Marisa Pace** a fol. 117 tal-process:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati in kwantu jolqtu l-hanut numru seba’ u erbghin (47) Arcades Street, u sit fabrikabbli f’kantuniera b’faccata fuq Foss Street, u North Street, li attwalment tidhol ghaliha mid-dar numru hamsa u erbghin (45), Arcades Street, Paola.

2. Subordinatament , id-domandi ta’ l-atturi kif formulati ghandhom jigu michuda in kwantu l-artikolu 108(4) jolqot il-propjeta’ imsemmija fic-cittazzjoni huwa null u bla effett ghaliex jikser il-provvediment tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra..

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-atturi;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi pprezentaw din il-kawza biex jiksbu dikjarazzjoni illi in rigward ghall-fond illum 45 u 47, Arcade Street, Paola, huma ghandhom il-jedd jipprevalixxu ruhhom mid-dritt sanzjonat fl-artikolu 12(4) tal-Att XXIII tal-1979, Kap 158 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex l-enfitewsi temporanea gravanti l-istess fond tigi konvertita f’wahda perpetwa, u biex konsegwentement il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti bhala direttarji tal-enfitewsi jaddivjenu ghall-kuntratt relattiv, liema enfitewsi mbaghad tkun soggetta ghall-awmenti stabbiliti mill-istess artikolu u skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-koncessjoni enfitewtika originarja.

Numru kbir mill-konvenuti huma kontumaci waqt illi Geoffrey u Josette Stephenson, l-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, Michael Fenech Adami, l-Onorevoli

Avukat Dottor Edward Fenech Adami, Vanna sive Giovanna Arrigo u Marisa Paceipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Gew pprezentati wkoll eccezzjonijiet tal-kuraturi tal-eredita` gjacenti ta' Suor Maria Pace, liema religjuza mietet fil-mori tal-kawza.

Is-subartikolu 12(4) tal-Kap 158, jistipula illi:

*Meta taghlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn cittadin ta' Malta bhala r-residenza ordinarja tieghu fi zmien dak l-eghluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fissubartikolu (2)(a) jew (b), l-enfitewta jkollu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f''wahda perpetwa taht l-istess kondizzjonijiet ta' enfitewsi temporanja barra minn dawk li jkunu jirreferu ghaz-zmien u ghac-cens. Ic-cens li jkollu jithallas b'effett mill-konversjoni ta' l-enfitewsi f'wahda perpetwa u sakemm jghaddu hmistax-il sena minn dik id-data jkun daqs sitt darbiet ic-cens li kien jithallas minnufih qabel dik il-konversjoni, u wara dan ghandu jizdied kull hmistax-il sena b'daqstant mic-cens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx izjed minn dak ic-cens, li jirrapprezenta bi proporzjon mieghu z-zieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi cens ikun gie stabbilit l-ahhar.*

L-enfitewsi in kwistjoni hija wahda temporanea kif jirrizulta mill-kuntratt ta' kostituzzjoni taghha, a fol. 6 et seq, b'kopja tradotta ghall-ilsien Malti a fol. 168 et seq. F'dan il-kuntratt datat is-6 ta' Jannar, 1882 is-Sur Giovanni Zammit l-awtur tal-konvenuti, ikkonceda l-fond b'enfitewsi lill-Kjeriku (iktar tard Kanonku) Reverendu Carmelo Bologna, ghal disgha u disghin sena dekorrenti mill-1 ta' Marzu, 1882, u cioe` sal-1 ta' Marzu 1981. Din id-data ta' eghluq tehles lil din ir-relazzjoni enfitewtika mill-provvedmenti tas-subartikolu 12(2)(a) u 12(2)(b), dana billi ghalkemm il-kuntratt sar qabel l-1979, il-kuntratt sar ghal aktar minn tletin sena. Allura f'dan ir-rigward ic-cens huwa suggett ghall-provvedimenti tas-subartikolu 12(4) tal-istess ligi.

Ma hemmx dubbju illi fid-data ta’ l-eghluq tal-enfitewsi temporanea, l-1 ta’ Marzu 1981, l-atturi kienu kollha cittadini ta’ Malta u li, almenu l-fond numru 45 flimkien mal-gnien attigwu kien dar ta’ abitazzjoni li tikkostitwixxi r-residenza ordinarja tal-atturi kollha kemm huma. Dawn il-fatti ma huma ikkontestati minn hadd f’din il-kawza.

Il-Ligi tirrikjedi li l-atturi jkunu l-enfitewti fil-mument tal-eghluq tal-enfitewsi temporanea, dana billi is-subartikolu 12(4) huwa rizervat biss ghall-enfitewti. Il-Kanonku Carmelo Bologna, koncessjonarju originali tal-enfitewsi kif dettaljat diga`, permezz ta’ testment datat is-26 ta’ Mejju, 1926, (a fol. 173 et seq.) halla permezz ta’ legat lil missier l-atturi Carlo Ascolese *l’utile dominio temporaneo della casa e bottega in Casal Paula, Strada Loggia, numeri ventidue e ventitre, soggetti all’annuo e temporaneo canone di lire sterline sei.* Carlo Ascolese permezz ta’ testment unica charta ma’ martu Giulia in atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri datat il-15 ta’ Gunju, 1946 (a fol. 176 et seq.) halla b’titolu ta’ prelegat lil ibnu l-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese u in assoluta proprieta` *l-utili dominju temporanew ghaz-zmien li fadal ta’ cirka hamsa u tletin sena ohra tad-dar fejn qeghdin jabitaw it-testaturi u tar-remissa taghha fi Strada Loggia ossia Arcade Street numri tnejn u sittin u tlieta u sittin Casal Paula, soggetti ghac-cens temporanew ta’ sitt liri fis-sena.* Il-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese permezz ta’ testment datat it-22 ta’ April, 1964 (a fol. 180 et seq.) innomina w istitwixxa bhala eredi universali tal-beni kollha tieghu, inkluzi l-beni immobbli kollha tieghu, f’porzjonijiet ugwali bejniethom, lill-erba’ hutu xebbiet *Vincenza, Maria Stella, Maria u Carmela*, l-atturi f’din il-kawza. Allura jirrizulta car illi l-atturi, illi kienu kollha hajjin fl-1 ta’ Marzu 1981, kienu kollha, anki individwalment, intitolati illi jezercitaw il-jedd illi jikkonvertu c-cens gravanti l-fond.

**Eccezzjonijiet**

Jonqos li jigu ezaminati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, sabiex jigi stabbilit jekk dan id-dritt jistax jigi b’xi mod u b’success attakkat.

Dwar l-eccezzjoni tal-konjugi Stephenson rigward in-nuqqas ta’ integrita` ta’ gudizzju minhabba l-fatt illi l-konvenut Victor Pace miet qabel l-ipprezentar tal-kawza, dan id-difett gie sanat meta iddahhlu fil-kawza s-superstiti tieghu uliedu Karen Mifsud, Claire Gambin u Nigel Pace. Dawn gew notifikati permezz tal-Gazzetta tal-Gvern (a fol. 55 et seq.). Din l-eccezzjoni ghalhekk giet ezawrita.

Dwar l-eccezzjoni tal-konjugi Stephenson illi n-notifika fic-citazzjoni hija nulla billi l-konvenuti kollha hlief Maria Elena sive Marlene Micallef ma joqoghdux fil-post indikat fic-citazzjoni u ghandhom interess fil-kawza, jirrizulta illi eventwalment il-konvenuti kollha gew debitament notifikati bic-citazzjoni attrici, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Dwar it-tielet eccezzjoni tal-konjugi Stephenson, din hija sostanzjalment identika ghat-tieni eccezzjoni imressqa mill-Avukat Raphael Fenech Adami. Wahda tghid illi l-atturi kienu ga’ ippresentaw citazzjoni ohra numru 452/85WG fl-ismijiet “Maria Concetta Ascolese vs Edward Pace et” fl-istess mertu u li l-atturi ghandhom qabel xejn jissaldaw l-ispejjez involuti, u l-ohra tghid illi l-azzjoni tal-atturi hija intempestiva ghax l-atturi ghadhom ma ssaldawx id-drittijiet u spejjez legali dovuti minnhom fil-kawza bejn l-istess partijiet citazz numru 452/85WG. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet simili jidhru li huma ibbazati fuq is-subartikolu 907(2) tal-Kap XII illi jistipula illi *Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra.* Hemm nuqqas ta’ provi dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet, l-atturi ma jsemmu qatt xejn dwarhom. Il-konvenuti ipprezentaw taxxa tal-Qorti a fol. 26 u ssir accenn ghall-kontenut ta’ dawn l-istess eccezzjonijiet fix-xhieda ta’ l-Avukat Ethelbert Fenech Adami a fol. 100. It-taxxa ufficjali turi tassew illi kienet tezisti kawza fl-ismijiet *Maria Concetta Ascolese et vs Edward Pace et* imma imkien ma ngabet prova illi din il-kawza kienet saret ghall-istess haga illi ghaliha giet intentata l-prezenti kawza. Il-konvenuti setghu facilment jipprezentaw tali prova bil-prezentata ta’ kopja legali tac-citazzjoni ta’ dik il-kawza,

jekk hekk kien il-kaz, izda fin-nuqqas tapplika l-massima *Quod non est in actis non est in mundo.* Ghalhekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet simili wkoll qeghdin jigu michuda.

Dwar ir-raba’ eccezzjoni tal-konjugi Stephenson, dina tghid illi d-domandi ta’ l-atturi huma nfondati f’dak li ghandu x’jaqsam mal-hanut numru 47, Arcade Street u ma’ dak illi jiddeskrivu bhala sit fabbrikabbli f’kantuniera b’faccata fuq Foss Street u North Street, li attwalment tidhol ghaliha mid-dar numru 45, Arcade Street, Paola. Din l-eccezzjoni hija imqajjma, prattikament bl-istess manjiera, mill-Avukat Raphael Fenech Adami bhala t-tielet eccezzjoni tieghu kif ukoll permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni ta’ Michael Fenech Adami et.

Illi mill-provi ma hemmx dubbju illi l-fond illi llum igib in-numru 47, f’ Arcade Street, Casal Paola, mhuwiex dar ta’ abitazzjoni. It-testmenti ezibiti juru illi dan il-fond kien ghal zmien twil hanut, hekk a fol 174 fit-testment tal-Kanonku Bologna issir referenza ghalih bhala *bottega*, u il-konjugi Ascolese ġenituri tal-atturi fit-testment taghhom a fol. 178 jirreferu ghalih bhala *remissa* tad-dar, ghalkemm fil-kuntratt ta’ kostituzzjoni tal-enfitewsi l-fondi 45 u 47 kienu sit wiehed. Il-Qrati f’kaz bhal dan ma jestendux l-applikazzjoni tas-subartikolu 12(4) ghal fondi li mhumiex djar ta’ abitazzjoni. F’dan is-sens hija relevanti s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, tat-18 ta’ Novembru 1987 fl-ismijiet *Debono et vs Giacomotto* et, fejn il-konversjoni, f’dak il-kaz minn enfitewsi ghal lokazzjoni, ma gietx estiza ghal kamra adjacenti ghall-fond illi kienet tintuza bhala hanut. Il-kawza *Victor Montebello et vs Alfred Grima et*, deciza fil-5 ta’ Mejju 2005 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, kellha fattispecie simili hafna ghal din prezenti, u fiha l-Qorti kienet ippronunzjat ruhha b’dan il-mod:

*F’din il-kawza, jirrizulta wkoll li l-enfitewta kien ikkonverta parti mid-dar f’hanut, u meta skada t-terminu tal-koncessjoni enfitewtika, dik il-parti kienet hekk utilizzata u, fil-fatt, hekk ghadha tintuza sal-lum. Kwindi, anki jekk l-atturi ghandhom ragun fuq il-meritu, jibqa’ l-fatt li dak li jistghu jitolbu hija l-konverzjoni fit-titolu tal-parti uzata bhala rezidenza biss, u mhux ukoll tal-parti uzata bhala*

*hanut. Fuq il-parti wzata bhala hanut, it-titolu ta' enfitewsi spicca, u ma fadalhom ebda jedd li jibqghu in okkupazzjoni tal-istess.*

L-atturi stess, barra minn dan kollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 232 et seq., jiddikjaraw illi l-pretensjoni taghhom hija illum limitata fil-konfront *tal-fond f'Arcades Street, Paola, accessibbli mill-bieb bin-numru ufficjali 45, u l-gnien konness mal-istess fond.*

Dwar il-gnien, dana jidher illi minn dejjem kien parti mid-dar numru 45 u li qatt ma gie bl-ebda mod separat minnha, tant hu hekk illi l-att kostitutiv huwa konferit fuq *luogo di case con giardino congiunto*. Jidher ghalhekk illi l-konversjoni tal-enfitewsi, waqt illi hija legalment accettabbli fir-rigward tad-dar u l-gnien (li dejjem u kostantement jidher illi ghamel parti minnha) mhijiex hekk fir-rigward tal-hanut numru 47. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet qed jigu parzjalment milqugha.

Illi fi kwalunkwe kaz u in vista tal-premess ma hemmx lok fejn tintlaqa' lanqas l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami u ghalhekk dina wkoll qed tigi michuda.

Fil-mori tal-kawza mietu tnejn mill-erba' atturi, u cioe` Vincenza Ascolese, illi wirtuha hutha it-tlett atturi l-ohra, u, wara, Maria Stella Ascolese, illi wirtuha z-zewg attrici superstiti u cioe` Maria Concetta u Maria Carmela Ascolese, illi l-atti gew trasfuzi f'isimhom.

Jibqa' imbaghad l-eccezzjonijiet dwar l-allegata nullita' tal-provvediment tal-ligi illi jawtorizza tali konversjoni [illi issir kostantement referenza erronea ghalih mill-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom bhala *l-artikolu 108(4)* meta fil-fatt kien is-subartikolu 10B(4) u li illum huwa is-subartikolu 12(4)h]. Skond il-konvenuti, permezz tal-hames eccezzjoni tal-konjugi Stephenson, ir-raba' eccezzjoni tal-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, u it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Michael Fenech Adami et, dan is-subartikolu jikser il-provvediment tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dwar dawn l-eccezzjonijiet ma ngabet ebda prova,

u lanqas gew trattati jew gie ndikat b'liema mod hemm ksur tal-Kostituzzjoni, ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet premessi,
il-Qorti tiddecidi billi,
fil-kontumacja ta' uhud mill-konvenuti,
u waqt illi tichad it-talbiet kollha tal-konvenuti l-ohra apparti in kwantu kompatibbli ma' kif ser jintlaqghu it-talbiet attrici,
tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif isegwi u cioe billi:

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-atturi huma intitolati jipprevalixxu ruhhom mid-dritt sanzjonat fis-subartikolu 12(4) tal-Att XXIII tal-1979 biex jikkonvertu f'enfitewsi perpetwa l-enfitewsi temporanea li huma kellhom bhala utilisti tal-fond illum 45, Arcade Street, Paola, inkluz il-gnien attigwu, izda mhux inkluz il-hanut numru 47, Arcade Street, Paola;

2. tikkundanna lill-konvenuti jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili relativ li bih l-enfitewsi temporanea tal-fond illum 45, f'Arcade Street, Paola, inkluz il-gnien attigwu u bil-pertinenzi taghhom kollha eskluz il-hanut numru 47, Arcade Street, Paola, tigi kkonvertita f'wahda perpetwa, b'effett mill-1 ta' Marzu, 1981 skond it-termini tal-artikolu 12(4) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe versu c-cens annwu u perpetwu ta' sitt darbiet daqs kemm ser jigi ratizzat ic-cens dovut in rigward ghad-dar u il-gnien eskluz il-hanut numru 47, liema cens kien ta' Lm6.00 fis-sena ghas-sit intier kollox inkluz, dana ghall-ewwel hmistax -il sena, bl-awmenti stipulati fl-istess artikolu u bil-kondizzjonijiet l-ohrajn stipulati fl-att tas-6 ta' Jannar 1882 pubblikat min-Nutar Gregorio Spiteri;

3. tinnomina lin-Nutar Dr.Tonio Spiteri biex jircievi l-imsemmi att;

4. tinnomina lill-Avukat Dottor Audrey Demicoli biex tidher fuq l-istess att ghall-eventwali kontumaci,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Frar, 1985 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------